# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 6**

**Citaz. numru 1562/93 GC**

**Alexander Cortis.**

**vs**

**Gaetano Abdilla, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' ABDILLA CARMELO & SONS LIMITED.**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI ; IC-CITAZZJONI TA' L-ATTUR</u>**

1. B'citazzjoni pprezentata fl-10 ta' Novembru 1993, l-attur ippremetta li biegh lis-socjeta' konvenuta dump truck tal-marka Foden u li mill-prezz pattwit kien ghad irid jithallas minghandha s-somma bilacjali ta' elf lira Maltin (Lm1,000).

Ghaldaqstant, huwa talab li l-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu l-imsemmi bilanc ta' elf lira Maltin, flimkien mal-imghaxijiet legali u l-ispejjez tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Frar 1992, tal-mandati presentati kontestwalment u tal-istess kawza.

**L-ECCEZZJONIJIET TAS-SOCJETA' KONVENUTA**

2. Il-konvenut Gaetano Abdilla (sic), eccepixxa (a) preliminarjament, il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ; (b) li l-prezz pattwit tal-vettura kien stabbilit f'valuta sterlina ghall-ammont ta' Stg. 6,000 oltre ghas-somma ta' Lm700, u b'hekk, billi kien diga' hallas lill-attur Lm5,000, jigi li kien hallas zejjed ; (c) salvi eccezzjonijiet ohrajn.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru 1999, dik il-Qorti, filwaqt li laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata minn Gaetano Abdilla, iddikjarat l-azzjoni tal-esponenti preskritta fit-termini tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16 u, oltre li qalet ukoll li, fil-mertu, jidher verosimili li l-prezz tad-dump truck in kwistjoni kien tassew stabbilit b'valuta estera (ladarba ngieb apposta mir-Renju Unit), cahdet it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-esponenti.

**L-APPELL TA' L-ATTUR**

4. Illi l-attur hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza u intavola dan l-appell fuq l-aggravju segwentiu cioe' li (a) l-ewwel Qorti laqhet l-eccezzjoni preliminari fuq il-bazi li ma ngabitx prova tal-ittra ufficjali msemmija fic-citazzjoni ; (b) naqset li tikkunsidra li l-eccezzjoni fil-mertu sollevata mill-konvenut Abdilla ixxejjen l-eccezzjoni preliminari ghax tikkonfliggi maghha ; (c) li laqghet il-verzjoni tal-konvenut fis-sens li l-prezz pattwit kien determinat mill-partijiet f'valuta estera meta la ngiebet prova dokumentali f'dan ir-rigward, meta n-negozju sar f'Malta, u, fuq kollox, meta l-hlas innifsu sar f'valuta legali Maltija.

Illi fil-qosor, skond l-appellant, il-fatti saljenti relattivi ghall-kaz huma s-segwenti : l-attur imexxi negozju ta' importazzjoni ta' vetturi u makkinarju vetturi hekk importanti bil-ghan li jbiegghom lill-klijenti (fil-maggor parti ewlenija taghhom, kumpaniji fil-qasam tal-bini) lokalment ; in-negozju tieghu huwa gestit lokalment ; illi bejn l-esponenti u s-socjeta' appellata kien hemm diversi negozji li fihom inbieghu vetturi u makkinarju iehor ghall-uzu tal-istess socjeta' appellata ; illi l-bejgh tat-trakk mertu tal-kaz kien l-ahhar negozju li sar bejniethom ; illi l-prezz pattwit kien jinkludi fih l-ammont ta' dazju li kellu jkun determinat mill-awtoritajiet meta t-trakk ingieb Malta ; il-prezz pattwit, bhal kull negozju iehor li jsir mill-esponenti, kien f'valuta Maltija ; illi s-socjeta; konvenuta hallset ammonti akkont ghall-imsemmi trakk, l-ahhar hlas maghmul

f'Jannar 1991 ; giet prezentata ittra ufficjali fi Frar tal-1992 u c-citazzjoni flimkien ma' att kawtelatorju fl-1993.

Illi, dwar l-ewwel aggravju, jinghad qabel xejn li l-motivazzjoni tal-ewwel Qorti fis-sens li tilqa' l-eccezzoni tal-preskrizzjoni mtella' mill-appellat ghax l-esponenti naqas li jezebixxi kopja tal-ittra ufficjali hija skorretta. Il-ligi ma tippreskrivix li att gudizzjarju prezentat qabel jew kontestwalment ma' citazzjoni jehtieg li jigi pprezentat bhala prova tal-esistenza tieghu fl-istess citazzjoni. Hemm pronuncjamenti studjati tal-Qrati Maltin dwar dan il-punt, fis-sens li, fejn hemm atti gudizzjarji m'hemmx il-htiega tal-prova taghhom ghajr fejn il-ligi tippreskrivi dan tassattivament. Dan jinghad izjed u izjed fejn, bhal fil-kaz prezenti, l-esiztenza tal-imsemmi att gudizzjarju mhux kontestata mill-kontro-parti.

Illi, minbarra dan, l-artikolu invokat mill-konvenut mhux applikabbli ghall-kaz. In-negozju partikoli, mwettaq f'kuntest ta' sensiela ta' negozji ohrajn bejn l-esponenti u s-socjeta' appellata, kien att ta' kummerc oggettiv, u maghmul fi zmien meta l-ligi kienet tiddistingwi bejn azzjonijiet li jaqghu taht il-kompetenza ta' Qrati ta' gurisdizzjoni ordinarja Civili u dawk ta' gurisdizzjoni specjali Kummercjali. F'dan il-kaz, ghalhekk, anke kieku kien hemm lok ta' preskrizzjoni, din kienet tkun preskrizzjoni kwinkwennali. Donnu anke l-konvenut innifsu, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, jirreferi specifikatament ghal perjodu ta' sentejn, li huwa perjodu differenti minn dak preskritt fl-artikolu 2148 tal-

Kap. 16 invokat minnu stess u accettat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Illi, dwar it-tieni aggravju, l-appellant jirrileva li l-eccezzjoni fil-mertu tikkostitwixxi l-exceptio soluti, anzi, l-konvenut jghid li mhux biss hallas, imma li hallas izzejjed. Tali eccezzjoni, skond awturi stabbiliti u anke sentenzi ta' dawn il-Qrati, hija c-cahda nnifisha tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-kaz partikolari, l-konvenut jikkonferma li n-negozju sehh, jikkonferma li l-oggett mertu tan-negozju kien dak li dwaru l-esponenti mexxa l-azzjoni, kien accerttah tant li wettaq hlasijiet akkont fi zminijiet differenti lill-esponenti. L-esponenti, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, ihoss ghalhekk, li l-parti dispositiva tas-sentenza appellata, kwantu laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, tiddifetta legalment proprju minhabba tali eccezzjoni tal-konvenut fil-mertu.

Illi, l-appellant ma jaqbilx lanqas mal-konsiderazzjonijiet maghmula fis-sentenza appellata fis-sens li l-ircevuti esebiti minnu ma jikkostitwux prova konvincenti ta' meta s-socjeta' konvenuta effettwat l-ahhar hlas. L-esponenti ma kellu l-ebda ghan li ma jurix kif sehhew tassew l-affarijiet bejnu u s-socjeta' appellata, billi anke d-dokument esebit mill-konvenut fi stadju inoltrat tal-kawza ma kienx jirreferi ghan-negozju de quo imma ghal negozju precedenti. Jidher li l-ewwel Qorti kienet influwenzata hafna minn dan id-dokument. Appena ghandu ghalfejn

jinghad li n-nuqqas ta' firma fuq id-dokument esebit mill-esponenti huwa dovut ghall-fatt li l-ircevuta originali tinsab f'idejn is-socjeta' appellata, u ghalhekk, id-dokument esebit mill-esponenti huwa biss kopja. Kien fl-interess tas-socjeta' konvenuta li ma tammettix li l-original tad-dokument esebit ma jigix a konjizzjoni tal-ewwel Qorti. Anke kieku, ghall-grazzja tal-argument, l-ircevuta (kopja taghha) mahruqa mill-esponent, ma kienitx meqjusa bhala attendibbli, jibqa' xorta wahda l-fatt li l-ahhar hlas qabel dak effettwat mis-socjeta' appellata (u minnha stess mistqarr), jibqa' fil-limitu taz-zmien mehtieg li l-azzjoni attrici setghet tigi intavolata qabel tigi preskritta, kif fuq inghad.

Illi, relattiv ghat-tielet aggravju, l-esponenti jissottometti li ma setax ikun li l-prezz miftiehem bejnu u s-socjeta' konvenuta kien f'valuta sterlina, kif allegat. Dan kien sempliciment impossibbli, billi l-prezz ahhari seta' jigi determinat biss wara li l-vettura tkun giet rilaxxata u tkun thallas id-dazju u spejjez ohrajn inkorsi ghall-importazzjoni taghha. Minn naha l-ohra, l-allegazzjoi tal-konvenut li l-prezz kien miftiehem f'valuta differenti minn dik Maltija ma giet sostanzjata bl-ebda ghamla ta' prova ta' ftehim jew dokument iehor li jista' jitfa' xi kredebilita' fuq tali allegazzjoni. Il-lex loci contractus kienet dik Maltija, l-post fejn in-negozju (bhal dawk kollha li pprecedewh) kien miftiehem u esegwit f'Malta, u l-istqarrija tal-konvenut fid-dikjarazzjoni tieghu ta' parti mill-prezz bil-valuta sterlina u parti f'valuta Maltija, jaghmilha inverosimili ghall-ahhar li l-partijiet ftehmu prezz intier f'valuta Sterlina. Inoltre dan,

il-hlasijiet maghmula mis-socjeta' appellata ex admissis, saru kollha hawn Malta u b'valuta legali Maltija. Hemm gurisprudenza tal-Qrati lokali fis-sens li, jekk ma tingiebx prova konvincenti ghall-kuntrarju, l-korrispettiv ta' kull obbligazzjoni li tigi esegwita hawn Malta ghandu jigi meqjus f'munita li hija l-valuta legali f'Malta.

Illi, jista' jizdied ukoll li, kieku kien tassew kif jallega l-konvenut, huwa hallas izzejjed ; kif jista' jigi spjegat li ma nqediex bil-procedura tar-rikonvenzjoi biex jissostanzja dak li allega. Il-verita' hija li, mehuda in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-kaz kif rejalment sehhew, il-bilanc pretiz mill-esponenti ghadu tassew dovut. Implicitament, il-konvenut jammetti li baqa' bilanc ta' elf lira x'jithallas lill-esponenti meta jistqarr fid-dikjarazzjoni tieghu li hallas diga' hamest elef lira mis-sitt elef u seba' mitt lira li kien il-prezz miftiehem, madankollu huwa johloq l-iskuza tal-hlas f'valuta Ingliza biex jesimi ruhu mill-piz tal-obbligatzzjoni dovuta mis-socjeta' appellata.

Ghaldaqstant, l-attur appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru 1999, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tichad l-eccezzjonijiet sollevati u tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellata.

**IR-RISPOSTA TA' GAETANO ABDILLA NOE**

5. Il-konvenut appellat nomine wiegeb hekk :-

Illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma minn din il-Qorti. In oltre dwar l-aggravji ta' l-appellant jinghad is-segwenti :-

Illi dwar paragrafu tmienja ta' l-aggravji ghandu jinghad illi la nghatat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a teur ta' l-artikolu 2148 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-attur appellant ghazel bhala difiza illi jghid li interrompa l-preskrizzjoni permezz ta' ittra ufficjali kien jispetta lilu li jressaq tali prova. X'jippretendi l-appellant, li noqoghdu fuq il-kelma tieghu u l-Qorti tordna kopja ta' l-ittri ufficjali kollha ta' l-ahhar 18-il xahar qabel mna giet ipprezentata l-kawza biex tivverifika?

Illi f'paragrafu 9 donnu bl-argument tieghu l-appellant qed jghid li essendo li tnehhiet il-Qorti tal-Kummerc allura m'ghadx hemm differenza bejn il-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2148(b) u l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 li mhux il-kaz. Hawnhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li t-truck inbiegh b'retail u l-esponent ma jistax jifhem konsegwentement lill-appellant meta jghid kien att tal-kummerc oggettiv.

Illi rigward paragrafu 10 jinghad illi bir-rispett kollu l-argument sollevat f'dan l-aggravju ma reggix guridikament. Huwa difficli li wiehed jikkontempla cahda aktar inekwivoka milli meta wiehed jghid mhux talli hallas izda talli hallas iz-zejjed.

Illi dwar paragrafu 11 u 12 dan jirrigwarda riflessjoni fuq apprezzament ta' fatti u provi u fuq dan l-appellat jissottometti illi m'hemmx lok li l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti jigi disturbat.

Illi rigwardanti paragrafu 13 ghandu jinghad illi huwa ovvju li l-appellat ma nqediex bil-procedura tar-rikonvenzjoni minhabba li tali azzjoni kienet tkun ormai preskritta.

Mill-bqija ssir referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet li kienet giet ipprezentata quddiem l-ewwel Qorti.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

6. Ikkunsidrat li mir-rikors t'appell ghandu jirrizulta li l-appellant adduca tlett aggravji. Din il-Qorti sejra tikkunsidra kull wiehed minn dawn l-aggravji taht Kapi separati.

(i) Li l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni preliminari fuq il-bazi li ma ngiebitx prova tal-ittra ufficjali msemmija fic-citazzjoni.

Illi bhala fatt tabilhaqq jirrizulta li l-attur appellant ma pprezenta l-ebda ittra ufficjali. Effettivament tali opportunita' giet estiza lilu anke f'dana l-istadju ta' appell – hekk ara l-verbal tas-seduta tat-8 ta' Mejju 2001 – pero' b'danakollu l-appellant xorta wahda baqa' inadempjenti.

Illi ghalkemm huwa minnu li l-prezentata formali ta' ittra ufficjali mhijiex dejjem jew tassattivament rikjesta pero' huwa zbaljat l-appellant meta jsostni li l-"ezistenza tal-imsemmi att gudizzjarju mhux kontestata mill-kontroparti" meta l-konvenut appellat jichad kategorikament li huwa qatt irceviha ( ara xhieda fol. 19 tal-process).

Illi zbaljata wkoll il-premessa tal-appellant li l-preskrizzjoni tat-18-il xahar a tenur tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16 giet milqugha mill-ewwel Qorti semplicement ghaliex ma gietx ipprezentata tali ittra ufficjali. Il-preskrizzjoni giet invece milqugha l-ghaliex wara li l-ewwel Qorti stabbiliet li "n-negozju sehh bejn il-partijiet fis-sena 1989", kompliet tghid li,

"Mill-atti jirrizulta li din l-azzjoni giet intavolata f'Novembru 1993 u ghalhekk ferm wara li ghadda l-imsemmi perijodu ta' 18-il xahar minn mindu sehh in-negozju."

Issa li kieku kien hemm interruzzjoni, allura l-preskrizzjoni kienet taqa'. Certament ittra ufficjali kellha l-forza li tinterrompi l-perijodu preskrittiv. Billi l-attur ippermetta li effettivament hu kien tassew baghat ittra ufficjali – l-kontraparti qeghda tichad dan – lill-konvenut, kien rilevanti u opportun hafna ghaliex (i.e. ghall-atturi) li jgib il-prova ta' din il-prezentata. Kien biss f'dan is-sens li l-ewwel Qorti ppretendiet minghand l-attur li jforni tali prova. Mill-bqija, l-istess Qorti sabet ukoll li anke l-allegati hlasijiet akkont li skond l-attur baqghu jsiru sa Jannar 1991 ma kienux "affidabbli".

(ii) Li l-ewwel Qorti naqset li tikkunsidra li l-eccezzjoni fil-meritu sollevata mill-konvenut ixxejjen l-eccezzjoni preliminari ghax tikkonfliggi maghha.

Illi ghalkemm huwa minnu li min jeccepixxi l-preskrizzjoni mhux tenut li jidhol fil-meritu tal-kwistjoni dwar hlas o meno, jibqa' l-fatt pero' li altru milli wiehed qed jallega li m'ghandux jaghti u jieqaf hemm u altru milli xi hadd jallega li f'kull kaz id-debitu msemmi kien gie saldat. F'dan is-sens ghalhekk, kien ikun aktar korrett l-appellat nomine li ta' lanqas it-tieni eccezzjoni tieghu fil-meritu tinghata bla pregudizzju ghal dritt preliminari.

Illi bl-istess mod ukoll anke l-ewwel Qorti, una volta li hija stabbilit li l-azzjoni attrici kienet preskritta ma kellhiex ghalfejn stricto jure li tidhol ukoll fil-meritu dwar hlasijiet. Fatt li jidher evidenti pero' hu li l-ewwel Qorti, dehrilha li ghandha tipprexxindi minn dak li kienet gja' stabbilit dwar il-preskrizzjoni, u wara li ezaminat il-provi fil-meritu xorta wahda dehrilha li f'kull kaz anke taht dan l-aspett, il-provi ta' l-attur ma kienux wasslu ghall-konvinciment li l-bilanc mitlub mill-attur nomine kien tassew dovut. Taht dan l-aspett, l-attur appellant irrefera ghall-provi tal-partijiet. Din il-Qorti, ghal kull fini, ezaminat l-istess provi li gew imressqa quddiem l-ewwel Qorti u ma hijiex tal-fehma li dawn kellhom iwasslu ghal xi tibdil minn dak li gie ritenut u deciz mill-ewwel Qorti. Il-provi attrici huma pjuttost vagi, konfuzi u mhux ghal kollox attendibbli.

Illi ghalhekk it-tieni aggravju qed jigi respint ukoll.

(iii) Li l-ewwel Qorti laqghet il-verzjoni tal-konvenut fis-sens li l-prezz pattwit kien determinat f'valuta estera.

Illi apparti dak li gja' osservat din il-Qorti dwar l-effett tal-akkoljiment tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fuq il-bqija tal-vertenza, tirrileva wkoll li trattandosi ta' lanjanza dwar evalwazzjoni skorretta ta' fatti, din il-Qorti kemm jista' jkun ma tiddisturbax ghal xejn dik l-evalwazzjoni u diskrezzjoni dwarhom li tkun giet maghmulha mill-Qorti li tkun semghethom fl-ewwel istanza fil-kors tal-gbir tal-provi.

Dan maghdud, din il-Qorti xorta wahda f'kull kaz jidhrilha li l-provi prodotti mill-attur nomine ma kienux tali li joholqu grad ta' konvinciment ibbazat fuq probabilita' ta' dak li hu ppremetta fl-att tac-citazzjoni kien minnu. B'daqstant lanqas m'hu qed jinghad li l-verzjoni moghtija mill-kontroparti hija daqstant kredibbli imma l-prova tinkombi maggorament fuq min qed jallegaha u mhux bil-maqlub. Meta l-attur xehed li t-trakk inxtara sekonda man mir-Renju Unit ghal kollox ta' sitt elef lira, aktar jidher verosimili li l-prezz tieghu kien f'valuta sterlina milli Maltija. Kif l-istess somma setghet issir u tigi konverita f'sitt elef lira Maltin minhabba zidiet ta' spejjez ancillari bhalma huma tragitt dazju et cetera tibqa' asserzjoni mhix sufficjentement sostnuta mill-provi.

Ir-realta' tas-sitwazzjoni hi li f'negozji bhax-xorta in ezami huwa dejjem riskjuz li l-partijiet jidhlu ghalieh bla ebda kitba ta' xejn. Dan ghaliex meta jibda jinqala' n-nuqqas ta' qbil – kif gara f'dan il-kaz- ikun ferm difficli biex, in mankanza ta' kitbiet appozita, tigi stabbilita x'kien gie ezatt miftiehem bejn il-patijiet.

Ghalhekk dana l-aggravju wkoll qed jigi michud.

7. Illi meta l-appellant jelabora dwar l-ewwel aggravju jissottometti wkoll li f'kull kaz, u trattandosi ta' rapporti u obblgi reciproci ta' natura kummercjali bejn il-kontendenti, il-preskrizzjoni talvolta applikabbli kellha se mai tkun dik kwinkwennali u mhux dik aqsar ta' tmintax-il xahar.

Ikkunsidrat li ghalkemm din l-operazzjoni ta' bejgh ta' vettura ma kienitx l-ewwel u l-unika transazzjoni maghmula bejn il-kontendenti, xorta wahda jirrizulta li l-att tal-bejgh de quo kien att separat u nettament distint minn kwalsiasi rapport iehor li l-partijiet seta' kellhom bejniethom. Bhala tali ghalhekk – u fil-fatt hekk kien gie kkonsidrat mill-partijiet – ma kellhi x'jaqsam xejn ma rapporti ohrajn. Kwindi jfisser li trattandosi ta' bejgh semplici, kellha tabilhaqq tapplika l-preskrizzjoni qasira a tenur tal-artikolu 2148 tal-Kap. 16.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell tal-attur appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

mg